# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 6/2019 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**MG**

**Vs**

**MHG**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' MG, datat 7 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu fit-tmintax (18) ta' Jannar elf, disa mija, wiehed u tmenin (1981) u dana hekk kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;*

*Illi minn dana z-zwieg il-partijiet kellhom zewgt'itfal li t-tnejn li huma kienu maggorenni fid-data tas-separazzjoni;*

*Illi l-partijiet otjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. William Azzopardi datat sitta (6) ta' Frar elfejn u tmienja (2008) (Dok B);*

*Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment ghal diversi snin;*

*Illi r-rikorrent ma jara li hemm l-ebda prospett ragonevoli illi l-partijiet jistghu jirrikonciljaw;*

*Illi manteniment dovut bejn il-partijiet huwa ta' erba mija (€400) fix-xahar versu l-intimata li jghaddu regolarment.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnu u bejn l-intimata huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja d-divorzju bejniethom;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet, biex dan jigi hekk registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkonsidrat:**

**MG** xehed a fol 12 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Jannar 1981 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fis-6 ta' Frar 2008 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt 'itfal. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MHG** xehdet a fol 15 *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Jannar 1981, (Vide Dok.A, a fol 3), u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt' itfal;

Il-Qorti rat illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Frar 2008, in atti tan-Nutar Dr. William Azzopardi (Vide Dok B, a fol 4);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**L-ispejjez ghandhom jibqu' minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**